2024/2176

28.8.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2176

tat-8 ta' Diċembru 2023

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-introduzzjoni ta' sett komuni ta' regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni barra mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport li jkunu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2) , flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) It-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport ([1]) ("TCT") ġie approvat f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 ([2]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019.

(2) Il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport ("il-Kumitat tat-Tmexxija"), stabbilit mit-TCT, huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tat-TCT u jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tiegħu. Skont l-Artikolu 35 tat-TCT, il-Kumitat tat-Tmexxija għandu jadotta deċiżjonijiet li jispeċifikaw il-proċedura għall-implimentazzjoni tal-baġit.

(3) Il-Kumitat tat-Tmexxija huwa mistenni jadotta deċiżjoni dwar l-introduzzjoni ta' sett komuni ta' regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni barra mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport li jkunu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport ("id-deċiżjoni prevista"). Ir-regoli stabbiliti fid-deċiżjoni prevista se tissostitwixxi r-regoli adottati skont id-Deċiżjonijiet Nru 2020/05 ([3]) u Nru 2021/02 ([4]) tal-Kumitat tat-Tmexxija.

(4) Id-deċiżjoni prevista hija meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-Segretarjat Permanenti u tal-korpi tal-Komunità tat-Trasport. Peress li d-deċiżjoni prevista se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni, jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija fir-rigward tal-adozzjoni tagħha.

(5) Jenħtieġ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni li jinsab mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport ("il-Kumitat tat-Tmexxija") rigward l-introduzzjoni ta' sett komuni ta' regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni barra mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport li jkunu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport, li se jissostitwixxu r-regoli adottati skont id-Deċiżjonijiet Nru 2020/05 u Nru 2021/02 tal-Kumitat tat-Tmexxija, għandha tkun imsejsa fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija jistgħu jaqblu dwar bidliet żgħar fl-abbozz tad-Deċiżjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

([1]) ĠU L 278, 27.10.2017, p. 3.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni Nru 2020/05 tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport tad-29 ta' Lulju 2020 dwar ir-regoli rigward ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni barra mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport li jkunu mistiedna jattendu l-laqgħat fil-kapaċità tagħhom ta' esperti (ĠU L 73, 10.3.2023, p. 40).
([4]) Id-Deċiżjoni Nru 2021/02 tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport tas-7 ta' Ġunju 2021 dwar ir-regoli rigward ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni barra mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport li jkunu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport (ĠU L 73, 10.3.2023, p. 48).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kunsill

Il-President

N. CALVIÑO SANTAMARÍA

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 202X/

TAL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

dwar l-introduzzjoni ta' sett komuni ta' regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni barra mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport li jkunu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport

IL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 35 tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sett komuni ta' regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni barra mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport li jkunu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport, li jinsab fl-Anness, huwa b'dan adottat.

Is-sett komuni ta' regoli adottat skont din id-Deċiżjoni jissostitwixxi r-regoli adottati skont id-Deċiżjoni Nru 2020/5 u d-Deċiżjoni Nru 2021/02 tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali.

Hekk kif jiġu adottati, is-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport għandu jippubblika r-regoli fuq is-sit web tal-Komunità tat-Trasport.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ……, fi ……

Għall-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali

Il-President

ANNESS

REGOLI DWAR IR-RIMBORŻ TAL-ISPEJJEŻ IMĠARRBA MINN PERSUNI BARRA MIS-SEGRETARJAT PERMANENTI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT LI JKUNU MISTIEDNA JIPPARTEĊIPAW FIL-LAQGĦAT TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

1. Kamp ta' applikazzjoni

1.1. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw għal persuni barra mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport ("is-Segretarjat Permanenti") li jkunu mistiedna jipparteċipaw f'waħda mil-laqgħat jew wieħed mill-eventi tal-Komunità tat-Trasport elenkati fil-punt 1.3.

1.2. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw għall-persuni li ġejjin, li jkunu mistiedna jipparteċipaw f'waħda mil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport deskritti fil-paragrafu 1.3:

(a) Il-membri tal-korpi rilevanti tal-Komunità tat-Trasport, inkluż il-Kunsill Ministerjali, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali, il-Kumitati Tekniċi, il-Forum Soċjali, u l-Kumitat tal-Baġit, iżda mhux limitati għalihom;

(b) Parteċipanti oħra, li jkunu formalment mistiedna jipparteċipaw f'waħda mil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport elenkati fil-punt 1.3, meta l-ittra ta' stedina tiddikjara b'mod ċar li l-Komunità tat-Trasport tkun qed tkopri l-kost għall-parteċipazzjoni tagħhom.

(c) Esperti esterni (individwi tas-settur privat, tal-gvern jew mhux tal-gvern tal-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tat-Trasport jew ta' Stat Membru tal-UE) li jkunu mistiedna jagħtu opinjoni professjonali speċifika f'waħda mil-laqgħat organizzati mill-Komunità tat-Trasport, li mhumiex membri tal-korpi tal-Komunità tat-Trasport, tat-task forces, tal-gruppi ta' koordinazzjoni u ta' korpi oħra ta' ħidma tal-Komunità tat-Trasport;

(d) Kwalunkwe persuna responsabbli mill-akkumpanjament ta' persuna b'diżabbiltà li taqa' taħt il-punti (a), (b) jew (c).

1.3. Il-laqgħat koperti minn dawn ir-regoli għandhom ikunu laqgħat tal-konfigurazzjonijiet, tal-kumitati u ta' fora oħra tal-Komunità tat-Trasport li ġejjin:

(a) il-Kunsill Ministerjali, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali, il-kumitati tekniċi, u l-Forum Soċjali;

(b) il-Kumitat tal-Baġit;

(c) it-task forces, il-gruppi ta' koordinazzjoni u korpi oħra ta' ħidma stabbiliti permezz tad-deċiżjonijiet jew tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ministerjali jew tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali;

(d) konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u fora oħra organizzati mis-Segretarjat Permanenti li huma relatati mal-programm ta' ħidma tal-Komunità tat-Trasport;

(e) laqgħat oħra organizzati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport (dibattiti ta' livell għoli, sessjonijiet ta' ħidma, eċċ.);

(f) proċeduri ta' selezzjoni għal karigi ppubblikati mill-Komunità tat-Trasport (membri tal-bord tas-selezzjoni); u

(g) proċeduri ta' selezzjoni għal karigi ppubblikati mill-Komunità tat-Trasport (applikanti).

1.4. (a) Għal-laqgħat tal-korpi stabbiliti skont it-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport, għal kull ministeru, awtorità regolatorja, aġenzija, entità jew parti benefiċjarja oħra, rappreżentant nominat uffiċjalment wieħed biss għandu jkun intitolat għar-rimborż tal-ispejjeż għal-laqgħa inkwistjoni skont dawn ir-regoli.

(b) Għal inizjattivi tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet bħal sessjonijiet ta' ħidma, taħriġ, żjarat ta' studju, jew konferenzi, għal kull ministeru, awtorità regolatorja, aġenzija, entità jew parti benefiċjarja oħra ma għandhomx ikunu intitolati aktar minn żewġ rappreżentanti għar-rimborż tal-ispejjeż għall-event inkwistjoni skont dawn ir-regoli.

(c) F'każ li l-eventi elenkati taħt il-punti (a) u (b) jiġu organizzati eżatt wara xulxin jew l-istituzzjoni li taħtar ikollha awtorità usa' fuq kwistjonijiet differenti tat-trasport, id-Direttur tas-Segretarjat Permanenti (id-"Direttur") jista' jidderoga minn din ir-regola permezz ta' deċiżjoni motivata.

(d) L-għadd ta' parteċipanti intitolati għar-rimborż għandu jiġi deċiż fuq bażi ta' każ b'każ u skont id-disponibbiltà tal-finanzjament.

1.5. Dawn ir-regoli għandhom ikopru r-rimborż tal-ispiża għall-ivvjaġġar u l-indennizz għas-sussistenza għal kull jum (DSA).

1.6. L-għadd massimu ta' esperti esterni mistiedna għal kull laqgħa, kemm jekk intitolati għar-rimborż tal-ispejjeż kif ukoll jekk mhumiex, għandu jkun ta' espert wieħed għal kull Parti Kontraenti tal-Komunità tat-Trasport u għal kull Stat Membru tal-UE. L-għadd ta' esperti tas-settur privat jew mhux tal-gvern ma għandux jaqbeż l-għadd ta' esperti tal-gvern għal kull event.

2. Spejjeż tal-ivvjaġġar

2.1. Il-parteċipanti kollha għandhom ikunu intitolati għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom mill-post speċifikat fl-istedina tagħhom (l-indirizz tax-xogħol jew tad-dar) sal-post tal-laqgħa, bl-aktar mezz ta' trasport xieraq skont id-distanza involuta. B'mod ġenerali, dan għandu jkun ivvjaġġar bil-ferrovija tat-tieni klassi għal vjaġġi ta' inqas minn 400 km (f'direzzjoni waħda, skont id-distanza uffiċjali bil-ferrovija) u vvjaġġar bl-ajru tal-klassi ekonomika għal distanzi ta' 400 km jew aktar.

2.2. Id-Direttur għandu jipprova jiżgura li l-laqgħat jiġu organizzati b'tali mod li jippermetti lill-parteċipanti jibbenefikaw mill-aktar rati tal-ivvjaġġar ekonomiċi.

2.3. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar għandhom jiġu rimborżati biss jekk jiġu ppreżentati d-dokumenti ta' sostenn.

2.4. Meta t-trasport bl-ajru jew bil-ferrovija ma jkunx disponibbli jew ma jkunx kosteffettiv, l-ivvjaġġar bix-xarabank jew bil-karozza għandu jiġi awtorizzat.

2.5. Il-kost tal-ivvjaġġar b'vettura privata għandu jiġi rimborżat bir-rata ta' EUR 0,28 għal kull km.

2.6. Il-kostijiet tal-ivvjaġġar għandhom jiġu rimborżati jekk ma jkunux jaqbżu s-EUR 700.

3. L-indennizz għas-sussistenza għal kull jum ("DSA")

3.1. Id-DSA għandu jinkludi l-kost tal-akkomodazzjoni, it-trasferimenti lokali, l-ikliet, il-gratwitajiet u spejjeż inċidentali oħra.

3.2. Ir-rati tad-DSA applikabbli għal kuntratti ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-UE għandhom japplikaw fl-aktar skala reċenti tagħhom.

Ir-rata tad-DSA applikabbli għandha tkun dik tal-post fejn il-parteċipant mistieden iqatta' l-lejl. Għandu jitħallas DSA sħiħ għall-ewwel jum tal-vjaġġ; madankollu, ma għandu jitħallas l-ebda DSA għall-aħħar jum tal-vjaġġ, jiġifieri dan l-indennizz jiġi kkalkolat fuq l-għadd ta' ljieli li l-parteċipant iqatta' 'l bogħod mid-dar.

Id-DSA għandu jitħallas biss meta l-ħinijiet tal-laqgħat ma jkunux jaqblu mal-ħinijiet tat-titjiriet jew tal-ferroviji.

L-għadd ta' ljieli ma għandux jaqbeż l-għadd ta' jiem tal-laqgħa + 1.

3.3. Soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur, il-parteċipanti jistgħu eċċezzjonalment ikunu intitolati għal DSA addizzjonali relatat ma' lejl addizzjonali fil-post tal-laqgħa jekk, billi jtawwal is-soġġorn, il-parteċipant ikun jista' jikseb tnaqqis fil-kost tat-trasport li jkun jiswa aktar mill-ammont tad-DSA relatat mal-lejl addizzjonali.

3.4. Il-parteċipanti ma għandhomx ikunu intitolati għar-rimborż ta' spejjeż oħra relatati mas-soġġorn fil-lukanda bħall-internet, it-telefown, il-fotokopjar, il-minibar jew il-kolazzjon mhux inklużi.

3.5. Il-parteċipanti li jkunu ġejjin minn post li ma jkunx aktar minn 50 km 'il bogħod mill-post tal-laqgħa ma għandhomx ikunu intitolati għal DSA.

3.6. Ir-rati mnaqqsa tad-DSA għandhom jiġu applikati fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-ivvjaġġar għall-parteċipazzjoni fil-laqgħa ma jkunx jinvolvi soġġorn ta' lejl:

(i) għall-ivvjaġġar ta' 8 siegħat jew aktar, għandu jitħallas 50 % tad-DSA tad-destinazzjoni rispettiva;

(ii) għall-ivvjaġġar ta' inqas minn 8 siegħat u aktar minn 5 siegħat, għandu jitħallas 35 % tad-DSA;

(iii) għall-ivvjaġġar sa, u inkluż 5 siegħat, għandu jitħallas 20 % tad-DSA;

(b) meta jiġu pprovduti ikliet b'xejn bħal ikla ta' nofsinhar jew ikla ta' filgħaxija, għandu jitnaqqas 10 % tar-rata tad-DSA għal kull ikla b'xejn.

Ikla b'xejn għandha titqies bħala tali fil-każijiet kollha meta l-aġenda tal-laqgħa jew tal-event tkun tinkludi ikla ta' nofsinhar jew ikla ta' filgħaxija.

4. Xiri ta' biljetti u akkomodazzjoni

4.1. Il-parteċipanti mistiedna għal laqgħa elenkata fil-paragrafu 1.3, il-punti (a) sa (e) għandhom jipprenotaw il-biljetti u l-akkomodazzjoni tagħhom. Il-prenotazzjonijiet għandhom isiru kemm jista' jkun malajr sabiex ikunu jistgħu jinkisbu l-aktar tariffi jew rati ekonomiċi. Is-Segretarjat Permanenti għandu jipprenota l-ivvjaġġar f'isem il-parteċipanti jew jagħmel pagamenti bil-quddiem għall-ispiża f'każijiet eċċezzjonali biss u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regola 6.

4.2. Fil-każ tal-parteċipanti mistiedna għal xi laqgħa elenkata fir-regola 1.3, il-punti (f) u (g), l-arranġamenti tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni għandhom isiru mis-Segretarjat Permanenti.

5. Proċedura għar-rimborż

5.1. Biex jiksbu r-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizz għas-sussistenza għal kull jum, il-parteċipanti għandhom jippreżentaw talba għar-rimborż tal-ispejjeż ("talba għar-rimborż"). It-talba għar-rimborż għandha tkun:

(a) ippreżentata bl-użu tal-formola li tinsab fl-Appendiċi 1;

(b) ippreżentata f'format elettroniku lis-Segretarjat Permanenti mhux aktar tard minn 15-il jum kalendarju wara d-data tal-laqgħa inkwistjoni; u

(c) akkumpanjata minn sett sħiħ ta' dokumenti oriġinali ta' sostenn, bħal biljetti u fatturi jew, fil-każ ta' prenotazzjonijiet online, il-kopja stampata tal-prenotazzjoni elettronika u l-karti tal-imbarkazzjoni għall-vjaġġ lejn il-post tal-laqgħa, bħala evidenza tal-ispejjeż imġarrba u li juru l-klassi u l-ħin tal-ivvjaġġar u l-ammont imħallas.

5.2. Il-korrispondenza dwar ir-rimborż għandha tintbagħat lis-Segretarjat Permanenti fuq finance@transport-community.org.

5.3. Ir-rimborż għandu jsir f'euro. Ir-rata tal-kambju li tapplika għar-rimborż għandha tkun dik applikabbli fid-data tal-laqgħa.

5.4. Ir-rimborż għandu jsir permezz ta' trasferiment bankarju fil-kont bankarju tal-istituzzjoni jew tal-organizzazzjoni li taħtar lill-parteċipant, bl-użu tad-dettalji tal-kont bankarju ppreżentati f'konformità mar-regola 5.5. Madankollu, ir-rimborż jista' jsir f'kont bankarju privat tal-parteċipant jekk dik l-istituzzjoni jew l-organizzazzjoni titlob li jsir hekk bil-miktub.

5.5. Id-dettalji tal-kont tal-bank li għandhom jiġu ppreżentati għall-finijiet tar-regola 5.4 għandu jkun fihom l-informazzjoni li ġejja relatata mal-benefiċjarju: l-isem u l-indirizz tad-detentur tal-kont, l-isem tal-bank, in-numru tal-kont tal-bank (IBAN) u l-Kodiċi SWIFT (BIC).

6. Ħlas bil-quddiem tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni

6.1. F'każijiet eċċezzjonali, istituzzjoni jew organizzazzjoni li taħtar tista' tippreżenta talba lis-Segretarjat Permanenti għall-ħlas bil-quddiem tal-kostijiet tal-ivvjaġġar relatati ma' parteċipant mistieden għal laqgħa elenkata fil-punti (a) sa (e) tar-regola 1.3. Proċediment bħal dan għandu jinkludi l-prenotazzjoni tal-ivvjaġġar mis-Segretarjat Permanenti.

6.2. Ir-regola 6.1 ma għandhiex tapplika għall-parteċipanti mistiedna skont l-Artikolu 1.2, il-punt (c).

6.3. It-talbiet għal ħlas bil-quddiem għandhom isiru permezz tal-formola li tinsab fl-Appendiċi 2 u jintbagħtu lis-Segretarjat Permanenti fuq finance@transport-community.org mill-inqas 21 jum kalendarju qabel id-data tal-laqgħa.

6.4. Id-Direttur għandu jadotta d-deċiżjoni li tissodisfa jew tirrifjuta talba ppreżentata f'konformità mar-regola 6.3.

6.5. Wara li talba tiġi ssodisfata skont ir-regola 6.4, u wara li jitqies l-abbozz tal-aġenda għal-laqgħa, is-Segretarjat Permanenti għandu jipprenota l-arranġamenti tal-ivvjaġġar għall-parteċipant inkwistjoni. Is-Segretarjat Permanenti għandu jibgħat il-konfermi tal-prenotazzjoni tal-biljett lill-parteċipant permezz tal-posta elettronika.

6.6. Billi jitlob ħlas bil-quddiem tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, il-parteċipant jimpenja ruħu li jattendi l-laqgħa.

6.7. Meta parteċipant li t-talba tiegħu għall-ħlas bil-quddiem tkun ġiet issodisfata ma jkunx jista' jattendi l-laqgħa għal raġunijiet li mhumiex attribwibbli direttament għall-Komunità tat-Trasport, l-istituzzjoni jew l-organizzazzjoni li taħtar għandha tindennizza lis-Segretarjat Permanenti għall-kostijiet imġarrba fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-vjaġġ (eż. il-kostijiet tal-biljetti prenotati inklużi t-tariffi tal-kanċellazzjoni).

7. Dispożizzjonijiet amministrattivi u finali

7.1. Id-Direttur huwa responsabbli mill-implimentazzjoni xierqa ta' dawn ir-regoli.

7.2. Is-Segretarjat Permanenti għandu jżomm, għal perjodu ta' 5 snin, ir-rekords, id-dokumenti u l-evidenza relatati mar-rimborżi skont dawn ir-regoli, inkluż dokumenti relatati ma' trattament eċċezzjonali.

7.3. Dawn ir-Regoli għandhom jiġu ppubblikati permezz tas-sit web tal-Komunità tat-Trasport mal-adozzjoni tagħhom.

Appendiċi 1

TALBA GĦAR-RIMBORŻ TAL-IVVJAĠĠAR

1. DETTALJI TAL-LAQGĦA Deskrizzjoni tal-laqgħa:		Post:
Data:	Nru ta' jiem:	
2. PARTEĊIPANT KUNJOM:	ISEM:	
ISTITUZZJONI/ORGANIZZAZZJONI:	TITOLU:	
PAJJIŻ:		
INDIRIZZ ELETTRONIKU:	TEL.:	
3. DETTALJI TAL-BANK — jekk jogħġbok ipprovdi l-IBAN sħiħ u l-kodiċi SWIFT (BIC)		
ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-KONT (ISTITUZZJONI): (jekk jogħġbok indika l-isem tas-sid/tal-benefiċjarju tal-kont bankarju hawnhekk)		
ISEM TAL-BANK		
Numru tal-kont		
IBAN		
SWIFT (BIC)		
4. Indennizz għas-sussistenza għal kull jum	Minn:	Għal:
Dati tas-soġġorn		
Għadd ta' ikliet ipprovduti		
Għadd totali ta' indennizzi għas-sussistenza għal kull jum		

5. SPEJJEŻ TAL-IVVJAĠĠAR

Ajruplan, ferrovija, xarabank fuq distanza twila, trasport pubbliku lokali, eċċ.	MINN	GĦAL	KLASSI	AMMONT	MUNITA	F'EUR
Itinerarju						

Jekk meħtieġ, kompli fuq folja separata. Jekk jogħġbok ehmeż kopja tar-riċevuti/fatturi disponibbli, inkluż il-karti tal-imbarkazzjoni għal titjiriet/ferrovija/xarabank

KAROZZA	Minn:	Għal:	Għal: (Ritorn)
Prova tad-distanza mehmuża (kopja tar-rotta, li għandha tiġi ppreżentat f'format PDF jew JPG)			KM fiż-żewġ direzzjonijiet:
			Total f'EUR:

TAKSI (jekk it-trasport pubbliku lokali ma kienx disponibbli) — riċevuti meħtieġa; ġustifikazzjoni addizzjonali meħtieġa	Ammont	Munita	F'EUR

AMMONT TOTALI MITLUB f'EURO:

Rimarki oħra:

Niċċertifika li din it-talba għar-rimborż tal-ivvjaġġar hija dikjarazzjoni veritiera tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar li ġarrabt. Jiena ma ġejtx u mhux ser niġi rimborżat(a) għal dawn l-ispejjeż minn xi sors ieħor u lanqas inkludejt xi spiża mħallsa jew li għandha titħallas direttament minn sors ieħor.

Data: FIRMA TAL-PARTEĊIPANT:

Appendiċi 2

TALBA GĦAL ĦLAS BIL-QUDDIEM TAL-ISPEJJEŻ TAL-IVVJAĠĠAR

1. Dettalji tal-Vjaġġatur – jekk jogħġbok imla l-partijiet KOLLHA mmarkati b'{*}		
Kunjom*		
Isem*		
Isem l-organizzazzjoni/istituzzjoni*.		
Funzjoni:		
Numru tal-passaport* (meħtieġ għall-fini tal-prenotazzjoni):		
Nru tat-telefown*:		
Indirizz elettroniku*:		
Titolu u post tal-laqgħa*:		
Dati tal-laqgħa*:	Minn:	
Rotta tal-vjaġġ*:	Post tat-tluq:	Post tal-wasla:

2. NOTI IMPORTANTI GĦALL-PARTEĊIPANTI	
Din il-formola sservi bħala bażi għall-arranġamenti tal-ivvjaġġar li jsiru mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport f'isem il-vjaġġatur. Għandha tiġi approvata minn qabel mis-superjur dirett tal-vjaġġatur u tintbagħat f'forma skennjata fl-indirizz elettroniku tas-Segretarjat Permanenti: finance@transport-community.org Il-vjaġġatur huwa unikament responsabbli mill-korrettezza tad-dettalji ppreżentati u għandu responsabbiltà sħiħa għal data mhux kompluta jew żbaljata li tista' tirriżulta f'kanċellazzjoni, impossibbiltà ta' vvjaġġar, bidla fid-dettalji tal-prenotazzjoni jew ħlasijiet addizzjonali relatati. Il-kostijiet żejda kollha (l-użu ta' minibar fil-lukanda, it-tariffi għall-ipparkjar, l-iljieli addizzjonali eċċ.) ma għandhomx jiġu rimborżati. Il-vjaġġatur huwa obbligat li jżomm il-karti tal-imbarkazzjoni u l-biljetti tal-ivvjaġġar kollha bħala prova tal-ivvjaġġar u mar-ritorn tiegħu għandu jibgħat il-kopji skennjati fl-indirizz elettroniku speċifikat hawn fuq. Is-Segretarjat Permanenti għandu jagħmel arranġamenti tal-ivvjaġġar skont l-offerti tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni disponibbli fis-suq li jaqblu mal-limiti u r-rati tar-regoli tar-rimborż. Is-sottoskritt jikkonferma li huwa/hija konxju/a tal-klawżola tar-rifużjoni stabbilita fir-regola 6.6 tar-regoli tar-rimborż: Meta l-parteċipant ma jkunx jista' jattendi l-laqgħa għal raġunijiet li mhumiex attribwibbli direttament għall-Komunità tat-Trasport, l-istituzzjoni jew l-organizzazzjoni li taħtar għandha tindennizza lis-Segretarjat Permanenti għall-kostijiet imġarrba fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-vjaġġ (eż. il-kostijiet tal-biljetti prenotati inkluż it-tariffi tal-kanċellazzjoni).	
Firma: _____Data: _____	Approvazzjoni tal-kap tal-istituzzjoni/organizzazzjoni li taħtar: _____Data: _____

3. GĦALL-UŻU INTERN TAS-SEGRETARJAT PERMANENTI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT		
Stima tal-kostijiet (f'EUR)		Disponibbiltà tal-Baġit
Biljett tat-titjira/ Biljett tal-ferrovija/ Biljett tax-xarabank/ Karozza		IVA/LE Uffiċjal Finanzjarju u tal-Kontabbiltà:
Kostijiet tal-indennizz għas-sussistenza għal kull jum		
AMMONT TOTALI:		APPROVAZZJONI TAD-DIRETTUR: Approvata/Mhux approvata
Nru tal-impenn baġitarju:		